MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-2 ta’ Ottubru, 2024

Appell Inferjuri Numru 27/2023 LM

**Joseph Degabriele (K.I. nru. 554745(M)) u b’digriet tat-12 ta’ Ġunju, 2024, l-atti ġew trasfużi fil-persuna ta’ Grace Degabriele minflok il-parti l-mejta Joseph Degabriele**

*(‘l-appellat’)*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**

*(‘l-appellant’)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat id-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellant’] mid-deċiżjoni mogħtija fl-24 ta’ Ottubru, 2023, numru 805/2022 [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni appellata’] mill-Arbitru [minn issa ’l quddiem ‘l-Arbitru’], li permezz tagħha ddeċieda li

jiċħad l-appell tar-rikorrent **Joseph Degabriele (K.I. nru. 554745(M))** li ġie nieqes fil-25 ta' Settembru, 2023, u għalhekk permezz tad-digriet tat-12 ta' Ġunju, 2024, l-atti ġew trasfużi fil-persuna ta' Grace Degabriele [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], u ordna sabiex id-Direttur Ġenerali appellant *"...jifformula kwalsiasi talba għar-rifużjoni ai termini tal-**artikolu 102(1)(ii)** tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta"*.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw id-deċiżjoni tal-appellant tas-27 ta' Ottubru, 2022, fejn informa lill-appellat li huwa ma kienx intitolat iżjed għall-Pensjoni tal-Età (AP), għaliex ma kienx sodisfatt li l-kapital tiegħu u tal-mara ma kienx jaqbeż €23,000, u dan b'riferiment għall-att ta' donazzjoni li permezz tiegħu huwa kien għadda tliet porzjonijiet ta' art lil uliedu fil-31 ta' Mejju, 2010.

**Mertu**

3. L-appellat appella l-avviż tad-Direttur Ġenerali appellant fit-22 ta' Novembru, 2022.

4. Id-Direttur Ġenerali appellant wieġeb fid-19 ta' April, 2023, fejn ikkonferma li d-deċiżjoni in kwistjoni ma kinitx ser tiġi riveduta.

**Id-deċiżjoni appellata**

5. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Ikkunsidra*

*Illi permezz ta' deċiżjoni tad-Direttur Appellat ġie deċiż li l-Appellant ma baqax eliġibbli għal-pensjoni tal-età stante li l-Appellat ma kienx sodisfatt li l-Appellant kellu mezzi kapitali inqas minn dak stabbilt bil-liġi;*

*Illi fl-appell tiegħu, l-Appellant jikkontesta dan il-fatt, iżda ma jqajjimx l-ebda aggravju in sostenn ta' dan;*

*Illi d-Direttur Appellat fir-risposta datata 17 ta' Frar 2023, spjega li l-Appellant flimkien ma' martu kienu proprjetarji ta' tlett porzjonijiet ta' art valutati fl-amont ta' €314,464, liema proprjetajiet kienu ġew trasferiti b'titolu ta' donazzjoni lil uliedhom;*

*Illi fin-nota responsiva datata 19 ta' April, 2023, id-Direttur Appellat eżebixxa l-applikazzjoni, datata 12 ta' Jannar 2011, preżentata mill-Appellant fit-talba tiegħu għal pensjoni tal-età. Fl-imsemmija applikazzjoni, l-Appellant b'mod korrett kien wieġeb li fl-elfejn u ħdax (2011) ma kienx proprjetarju tal-ebda proprjetà immobbli. Di fatti d-donazzjonijiet li d-Direttur Appellat jirreferi għalihom fid-deċiżjoni tiegħu u liema donazzjonijiet jiffurmaw parti mill-preżenti atti, kienu saru fis-sena elfejn u għaxra (2010);*

*Illi l-leġislatur stabilixxa numru ta' kwalifiki u dana sabiex jiġu identifikati l-individwi li huma eliġibbli għall-benefiċċji, taħt il-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-każ odjern jidher li l-Appellant għamel diversi donazzjonijiet, liema donazzjonijiet kemm -il darba ġew meqjusa bħala att li jċaħħad l-individwu mill-kapital tiegħu. Hemm diversi deċiżjonijiet kemm tal-Arbitru kif ukoll dawk mogħtija mill-Qorti tal-Appell fejn ġie dikjarat li individwu li jagħmel donazzjonijiet jkun qiegħed jċaħħad lilu nnifsu mill-kapital u għalhekk ma jibqax eliġibbli għall-benefiċċji soċjali;*

*Illi fil-każ odjern jidher biċ-ċar li l-Appellant trasferixxa b'titolu ta' donazzjoni proprjetajiet b'valur sostanzjali lil uliedu. Madanakollu, l-Arbitru jinnota li d-Direttur Appellat naqas milli jivverifika l-korretezza tad-dikjarazzjoni magħmula mill-Appellant fl-applikazzjoni, liema dikjarazzjoni għalkemm kienet waħda vertiera, fis-sena elfejn u ħdax (2011) id-Direttur Appellat xorta waħda seta' faċilment jivverifika li l-Appellant ma kienx eliġibbli għal benefiċċju in kwistjoni stante li d-donazzjonijiet in kwistjoni saru permezz ta' atti pubbliċi fis-sena elfejn u għaxra (2010);*

*Illi għalhekk filwaqt li l-Arbitru huwa tal-opinjoni li l-appellant ma huwiex eliġibbli għall-pensjoni tal-età jirrakkomanda lid-Direttur Appellat sabiex kwalsiasi talba għar-rifużjoni għandha ssir ai termini tal-**Artikolu 102(1)(ii)** tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta".*

**L-Appell**

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fl-1 ta’ Diċembru, 2023, fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni appellata f’dik il-parti fejn huwa ġie limitat li jifformula t-talba għal rifużjoni għal sentejn biss, bl-ispejjeż kontra l-appellat. Jgħid li l-aggravju tiegħu huwa li l-Arbitru applika ħażin il-liġi għall-każ odjern.

7. L-appellat miet fil-25 ta’ Settembru, 2023, jiġifieri qabel il-preżentata tal-appell odjern, u għalhekk martu Grace Degabriele permezz ta’ rikors ippreżentat fit-12 ta’ Ġunju, 2024, talbet sabiex l-atti jiġu trasfużi f’isimha. Il-Qorti laqgħet it-talba tagħha permezz tad-digriet tat-12 ta’ Ġunju, 2024.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju li qiegħed iressaq l-appellant, u dan filwaqt li tqis ukoll l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata.

9. L-appellant jgħid li huwa jħossu aggravat bid-deċiżjoni appellata fejn ġie deċiż li t-talba għal rifużjoni għandha ssir skont is-subinċiż (ii) tas-subartikolu 102(1) tal-Kap. 318. Isostni li din id-deċiżjoni ma tistax tiġi kkunsidrata bħala waħda vinkolanti, għaliex l-Arbitru m’għandux il-poter li jorbot lilu fir-rigward tad-deċiżjonijiet li huwa għandu jieħu, u li jaqgħu esklussivament taħt il-poter tiegħu. L-appellant jikkontendi li r-rwol tal-Arbitru huwa li jinvestiga jekk huwa kienx korrett fid-deċiżjoni tiegħu. Jissottometti li l-Arbitru tefa’ l-ħtija fuqu li

huwa ma sarx jaf qabel bid-donazzjonijiet in kwistjoni, u għalhekk jgħid li l-istess Arbitru qiegħed jinterpreta is-subinċiż (ii) tas-subartikolu 102(1) b'mod li fejn in-nuqqas ikun wieħed tad-Dipartiment, huwa ma jkollu l-ebda dritt li jagħmel tnaqqis kif imsemmi fir-rigward ta' ħlasijiet żejda li jkunu saru qabel il-perijodu ta' sentejn minn meta jkun sar jaf bil-ħlas żejjed. L-appellant jirrileva li l-interpretazzjoni tal-imsemmija dispożizzjonijiet tal-liġi ġiet ikkristalizzata minn din il-Qorti permezz tas-sentenza tagħha tal-5 ta' Lulju, 2023, fl-ismijiet **Carmelo Vella *vs.* Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**. Jissottometti li jekk huwa kellu jeżegwixxi d-deċiżjoni appellata, tkun qiegħda ssir inġustizzja mat-*taxpayer* ġenwin. L-appellant jikkontendi wkoll li l-Arbitru kien inġust miegħu meta stqarr li huwa seta' faċilment jivverifika jekk l-appellat kienx eliġibbli għall-benefiċċju in kwistjoni, għaliex id-donazzjonijiet saru permezz ta' atti pubbliċi. Spjega li fis-sena 2011 is-sistema tal-verifika ma kinitx daqstant avvanzata, u kien biss fl-2016 li daħlet fis-seħħ it-*Tax Compliance Unit*. Jgħid li dan kien ifisser li huwa kellu joqgħod fuq id-dikarazzjonijiet tal-applikant, u barra minnhekk l-istess applikant huwa marbut li jgħid il-verità. L-appellant jikkontendi li għalhekk l-Arbitru naqas milli jħares id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318, u anki li japplika l-prinċipji ta' ekwità u ġustizzja skont is-subartikolu 108(9) tal-istess liġi.

10. Il-Qorti tagħraf li d-Direttur Ġenerali appellant għandu raġun. L-Arbitru huwa marbut li jiddeċiedi skont il-parametri stabbiliti permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318, u dawn imkien ma jippermettu deroga minnhom kif ipprovda l-imsemmi Arbitru fid-deċiżjoni appellata. Tikkunsidra li huwa kellu kull raġun sabiex jgħid li *"id-Direttur Appellat ... seta' faċilment jivverifika li l-Appellant ma kienx eliġibbli għal benefiċċju in kwistjoni stante li d-donazjonijiet in kwistjoni saru permezz ta' atti pubbliċi fis-sena elfejn u għaxra (2010)"*,

għaliex tassew mis-sena 2016 meta skont l-istess appellat bdiet topera t-*TCU*, sad-data tad-deċiżjoni tiegħu fl-2022, kienu għaddew sitt snin. Tikkunsidra wkoll li l-applikazzjoni li kienet ġiet iffirmata mill-appellat, ma tagħmilx ċar li l-applikant għandu jiżvela wkoll xi proprjetà huwa kellu f'ismu fil-passat, u għalhekk l-appellat hawnhekk kellu jingħata l-benefiċċju tad-dubju dwar jekk il-każ tiegħu kienx wieħed tassew ġenwin. Fi kwalunkwe każ, dejjem għandhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 102(1) tal-Kap. 318.

11. Għaldaqstant, din il-Qorti ssib l-aggravju tal-appellant ġustifikat, u tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tilqgħu, u tirrevoka dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn ingħad mill-Arbitru li *"...b'dana iżda li d-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali għandu jifformula kwalsiasi talba għar-rifużjoni ai termini tal-Artikolu 102 (1)(ii) tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta",* filwaqt li tikkonfermaha għall-bqija.**

**L-ispejjeż għandhom jinqasmu f'kwoti ndaqs bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**